# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**lllum id-29 t'Ottubru 2019**

Appell numru 154 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Mario DEBONO**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-22 ta' Marzu 2017 fil-konfront ta' Mario DEBONO, karta tal-identita bin-numri 773456M fejn ġie mixli talli (in suċċint):

   Fid-19 ta' Marzu 2016, ghall-habta tat-15:30hrs u fi granet ta'qabel, waqt li kien qieghed fl-inhawi ta' Kennedy Grove:

   1) Ha jew prova jiehu xi ghasafar, matul l-istagun maghluq ghall-insib tal-ghasafar;
   2) Kien qieghed jonsob minghajr ma kellu licenzja maruga f'ismu mid-Direttur jew Kummissarju tal-Pulizija;

3) Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu, xi ghasfur protett taht ir-regolamenti SL504.71 jew mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahtha
4) Li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hawn fuq imsemmija, fejn dik il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a) u 18(1)(c) tal-L.S. 504.71, kif ukoll ir-regolament 12(1) tal-Avviż Legali 79/2006, hekk kif emendat bil-L.S. 504.71, sabet lill-imputat fuq l-ammissjoni tiegħu għall-ewwel, it-tieni u t-tielet akkużi ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet dedotta kontrih u kkundannatu għall-multa ta' elf u ħames mitt euro kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-liċenza għal perjodu ta' tliet snin. Il-Qorti fissret fi kliem ċar, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

3. Rat l-appell intavolat mill-ħati permezz ta' rikors li jġib id-data tat-3 t'April 2017 li permezz tiegħu huwa ressaq l-aggravju relattiv għall-piena li ġiet inflitta.

4. Illi l-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena matul is-seduta tal-għaxra (10) t'Ottubru 2019.

5. Il-prinċipju regolatur fil-materja tal-piena huwa li mhux normali li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tiġi disturbata u mħassra jekk dik il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt.

6. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju fl-emanazzjoni ta' dik il-piena.

7. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li l-piena tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

(a) għall-offiża in kwistjoni u

(b) għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

8. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

9. Issa meta din il-Qorti eżaminat is-sentenza appellata biex tistabbilixxi l-parametri tal-piena rat li f'dan il-każ, kif bosta drabi jiġri, fil-proċess hemm kemm is-sentenza stampata iffirmata mill-Maġistrat sedenti, kif ukoll il-komparixxi li fuqha l-Maġistrat kien kiteb *di proprio pugno* s-sentenza immedjatament mal-pronunzja tagħha. Fis-sustanza tagħhom il-partijiet dispożittivi jaqblu. Il-Qorti, fuq ammissjoni tal-appellant għall-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni sabitu ħati u kkundannatu kif intqal aktar il-fuq.

10. Illi pero dik il-Qorti, evidentement bi żvista, naqset milli tippronunzja ruħha wkoll fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva li kien ġie imputat speċifikament. Dan ifisser li wieħed mill-imputazzjonijiet kontestati lill-appellant ma ġiex deċiż minn dik il-Qorti kif kellu jkun. Is-sentenza mogħtija kontra l-appellant għalhekk kienet difettuża in kwantu ma dderimietx il-meritu tal-imputazzjonijiet kollha kontestati lill-appellant matul l-ewwel istanza ta' dan il-ġudizzju.

11. Għalkemm ma hemm ebda aggravju espliċitu dwar dan, il-Qorti tinnota li dan huwa punt sollevabbli *ex officio*.

# *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata, u peress li l-applikazzjoni korretta tal-artikolu jew artikoli u regolamenti tal-liġi jista' jkollha effett fuq l-ikkalibrar mill-ġdid tal-piena, u biex ma tipprivax lill-partijiet u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame* f'dan il-każ qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti tal-proċess lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi dwar il-ħtija ammessa mill-appellant skond il-liġi fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha kontestati lilu b'rispett lejn l-artikoli u r-regolamenti rilevanti u applikabbli f'dan il-każ.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***